ĦAŻ-ŻABBAR
*Citta` Hompesch*

**Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**Il-Pjan tal-Ħidma**

**2011 - 2013**

**Il-Werrej**


Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni 1
L-Istqarrija tal-Missjoni u l-Valuri 2
L-Għanijiet, ir-Riżultati Mistennija u l-Istrateġiji 3
Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill 5
Tbassir dwar il-Finanzi u u r-Rendiment 7
L-Iżvilupp Kapitali 11

Bħal ma jsir kull sena l-Pjan tal-Ħidma qed jiġi analizzat u rivedut fis-sena finanzjarja kurrenti.

Matul is-sena 2011 l-Kunsill qed jipprevedi dħul ta' €830, 648,50 li € 658,610 minnhom ser jidħlu mill-allokazzjoni tal-Gvern.

Il-kumplament mistennija jidħlu minn skemi ta' għajnuniet finanzjarji li l-Kunsill ser ikun qed japplika għalihom kif ukoll minn Ksur ta' Bye Laws u minn Dħul Ġenerali.

L-infiq għas-sena finanzjarja 2011 ser ikun ta' €902,686,75 li minnhom €230, 500 ser ikun Infiq Kapitali. L-ammont ta' €514, 022 ser jintefaq fuq Manutenzjoni u Xogħolijiet Oħra u €158, 164,75 ser tkun l-ispiża fuq Salarji.

Fis-sena 2012 l-allokazzjoni mill-Gvern mistennija tiżdied marġinalment u għalhekk qed tiġi prevista allokazzjoni ta' €660,000. Taħt il- *Public Private Partnership Scheme* il-Kunsill ser ikun qed idaħħal lura €22, 438,50 għal xogħol ta' resurfacing ta' toroq. Mill-attivita' kulturali 'Lejla Fil-Belt Hompesch' mistenni għajnuna finanzjarja ta' €5,000 u l ammont ta' €95,000 ser ikun qed jingħata mill-Awtorita' tad-Djar għax-xogħol ta' manutenzjoni ta' blokki tad-djar fil-Qasam tal-Gvern li ser ikun twettaq mill-Kunsill.

L-infiq għall-istess perjodu mistenni jkun ta' €869, 836.

Din l-ispiża ser tkun maqsuma kif ġej : €153,729 fuq Salarji, €523,450 fuq Manutenzjoni u Xogħolijiet oħra filwaqt li €192, 657 ser imorru fuq Infiq Kapitali.

Is-sena 2013, l-allokazzjoni ser tibqa prattikament l-istess, id-dħul minn Ħwejjeġ Oħra ser ikun qed jonqos u dan ser ikun ifisser inqas dħul totali għall-Kunsill.

Dan ser ikun qed jirrifletti fi tnaqqis sostanzjali fl-Infiq Kapitali għas-sena 2013

Domenic Agius
Sindku

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

## 2.1 L-Istqarrija tal-Missjoni

Bi strateġija li tpoġġi ċ-ċittadini fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jfittex li jilħaq l-aspirazzjonijiet tar-residenti u tal-għaqdiet billi jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja u l-ambjent li jgħixu fih.

## 2.2 Il-Valuri

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali hija bbażata mill-valuri:

1. **Tal-inklusivita`** f'dik li hija ħidma sportiva, kulturali, ambjentali, infrastrutturali u edukattiva.
2. **Tal-Impenn Soċjali**, fejn kull ċittadin jingħata importanza sħiħa mingħajr distinzjonijiet ta' sess, razza jew abilta'.
3. **Tal-Effiċjenza u Akkontabilita`**, fejn il-ħidma tkun waħda li tfittex li ttejjeb is-servizzi offruti mill-Kunsill u tagħmel użu għaqli mill-fondi pubbliċi.

3.1 L-Għanijiet u r-Rizultati Mistennija matul is-snin 2011-2013

| **L-Għanijiet** | **Ir-Riżultati Mistennija** |
| --- | --- |
| Li ntejbu s-servizz tal-'customer care' b'mod speċjali billi nżiedu l-**effiċjenza** billi l-ilmenti tal-pubbliku jiġu ndirizzati b'mod effettiv. | Għaldaqstant, huwa mistenni li ċ-ċittadini jħossuhom li qed ikunu moqdija aħjar. |
| Li nkomplu nħeġġu l-**parteċipazzjoni** attiva taċ-ċittadini Żabbarin fil-ħidma tal-Kunsill. | Li naraw proġetti proposti u attwati mill-istess ċittadini (kif ukoll għaqdiet), dan dejjem bil-ħidma kollaborattiva tal-kunsill. |
| Li **ngħollu** u **ntejbu** l-livell soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv fil-lokal tagħna. | Attwazzjoni ta' numru ta' proġetti fl-oqsma soċjali, edukattiv, kulturali u sportiv. |
| Attitudni intraprenditorjali fl-immaniġġjar tal-fondi pubbliċi bil-għan li tiżdied l-**effiċjenza** u l-**effettivita`**. | Isir studju fejn jiġu analizzati l-prattiċi imħaddma sa issa fil-Kunsill, u fejn il-Kunsill jara li huma applikabbli, jiġu mplimentati r-rakkomandazzjonijiet li jinħarġu minn din l-analiżi. Barra minn hekk, nagħmlu użu akbar tal-iskemi li jinħarġu mill-Gvern u minn fondi taħt programmi tal-Unjoni Ewropeja li jkun ifisser aktar dħul għal-Kunsill. |
| Li jkun hemm iktar ċittadini li jieħdu interess fil-ħidma u l-programmi tal-Unjoni Ewropea. | Kampanji u korsijiet li jxerdu iktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-programmi li toffri. |
| Strateġija ċara, mwettqa b'ħidma effettiva fuq dak li għandu x'jaqsam mal-ġbir ta' skart separat. | Inqas skart solidu li jiġi mitfugħ fil-'landfill' billi nħeġġu s-separazzjoni ta' l-iskart u b'hekk jiġu frankati l-flus li jistgħu jiġu utilizzati għal skopijiet u proġetti oħra. |

**3.3 L-Istrateġiji** L-għanijiet tal-Kunsill jistgħu jintlaħqu biss jekk ix-xogħol isir kif ippjanat billi jingħarfu kemm l-opportunitajiet li jeżistu kif ukoll il-limitazzjonijiet li l-Kunsill għandu.

Kif jidher fir-rapport finanzjarju li qed jiġi ppreżentat f'dan il-pjan, il-finanzi tal-Kunsill huma limitati ħafna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kunsill irid ifittex mezzi alternattivi biex isib fondi għall-iffinanzjar tal-ħidma tiegħu. Dan ser isir billi:

1. Issir ħidma għaqlija biex possibilment jinġiebu fondi minn kull skema li joħroġ il-Gvern Ċentrali li għaliha jkun eliġġibli l-Kunsill, u li tkun kompattibli mal-pjan tal-Kunsill.
2. Issir ħidma għaqlija biex jinġiebu fondi minn programmi tal-Unjoni Ewropea.
3. Jiġu esplorati modi ta' kif jitnaqqas l-infiq tal-Kunsill mingħajr ma titnaqqas l-kwalità tas-servizz offrut.

Filwaqt li kull xogħol li jsir jirrikjedi l-finanzi biex isir, hemm bżonn ukoll il-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li għandhom xi ħaġa x'joffru. Għaldaqstant, il-Kunsill ikompli jikkonsulta mal-pubbliku fuq il-proposti u l-ħidma tieghu. Dan jista' ikun possibbli biss jekk iċ-ċittadini Żabbarin jinvolvu ruħhom f' dan il-proċess.

Kull ħidma, biex tkun effettiva, trid tkun miftuħa għall-bidla. Għalhekk, il-Kunsill għandu jevalwa, iqabbel u jkejjel il-ħidma li tkun qiegħda ssir mal-għanijiet u l-istrateġija li hawn elenkati f'dan il-pjan.

Fl-aħħar, irid isir koordinament biex dan il-pjan li qed jiġi propost isir b'mod sħiħ u mhux kull qasam jiġi ndirizzat għalih.

Għaldaqstant l-istrateġija ser tkun ibbażata fuq erba' binarji, li huma:

| |
|---|
| Fondi alternattivi |
| Konsultazzjoni pubblika |
| Assesjar kontinwu |
| Koordinament |

## 4.1 L-Organizzazzjoni

Għas-snin li ġejjin l-istruttura tal-organizzazzjoni amministrattiva trid tkompli tkun kompattibbli mal-funzjonijiet tal-Kunsill.




Id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill wara li dan jikkunsidra r-rapporti u s-suġġerimenti tas-SottoKumitati kif ukoll tal-pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv jimplimenta d-deċiżjonijiet billi jifrex ix-xogħol fuq l-Assistenti Amministrattivi u l-Uffiċjali Eżekuttivi kif ukoll jiddelega xogħol ieħor lill-ħaddiema assenjati.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Matul is-snin 2011-2012, il-Kunsill ser ikun qed jagħmel xogħol ta' resurfacing ta' toroq kif ukoll manutenzjoni tal-binjiet tal-Gvern fil-Qasam tad-Djar.

Fis-sena 2013 l-proġetti ta' natura Kapitali mistennija jonqsu u dan minħabba l-fatt li matul is-sentejn ta' qabel, il-Kunsill ser ikun wettaq xogħol li l-ispiża għalih mistennija tlaħħaq aktar minn €270, 000.

Għalhekk fis-sena 2013 il-Kunsill ftit li xejn ser ikun jista jwettaq proġetti ġodda u ser ikun kostrett jaħdem bil fondi li jingħataw mill-Gvern Ċentrali.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

## 5.0 It-Tbassir dwar il-Finanzi u r-Rendiment

### 5.1 Tbassir Finanzjarju għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2011 € | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2011-2013 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dhul** | | | | |
| 0000 | Mill-Gvern | 745,048.50 | 782,438.50 | 677,219.25 | 2,204,706.25 |
| 0020 | Il-'Bye-laws' | 83,000.00 | 23,000.00 | 23,500.00 | 129,500.00 |
| 0090 | L-Investiment | 600.00 | 500.00 | 500.00 | 1,600.00 |
| 0100 | Generali | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,500.00 | 6,500.00 |
| | **TOTAL** | **830,648.50** | **807,938.50** | **703,719.25** | **2,342,306.25** |
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| 1000 | Is-Salarji | 158,164.75 | 153,729.00 | 154,625.00 | 466,518.75 |
| 2000 | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | 514,022.00 | 523,450.00 | 528,850.00 | 1,566,322.00 |
| 7000 | L-Infiq Kapitali | 230,500.00 | 192,657.00 | 30,323.00 | 453,480.00 |
| | **TOTAL** | **902,686.75** | **869,836.00** | **713,798.00** | **2,486,320.75** |
| | **BILANC FAVUR / (KONTRA)** | **(72,038.25)** | **(61,897.50)** | **(10,078.75)** | **(144,014.50)** |
| | **X'KELLNA QABEL** | 304,200.71 | 232,162.46 | 170,264.96 | 304,200.71 |
| | **X'GHANDNA ISSA** | 232,162.46 | 170,264.96 | 160,186.21 | 160,186.21 |

**Noti:**

Għas-snin 2011-2013, l-Infiq tal-Kunsill mistenni jeċċedi d-Dħul u dan għar-raġuni li ser jonqos id-dħul taħt il-Bye-Laws filwaqt li l-ispejjeż taħt is-Salarji u taħt Manutenzjoni u Xogħolijiet Oħra, partikularment voti bħal Spejjeż ta' Kuntratti ser ikomplu jogħlew. Għal din id-differenza fl-infiq ser jagħmlu tajjeb fondi li ġejjin mis-snin ta' qabel, li għalkemm ser ikunu naqsu konsidervolment għandhom ikunu biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għal din id-diskrepanza bejn id-dħul u l-infiq.

### 5.3 Tbassir tad-Dħul għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2011 € | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2011-2013 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Id-Dhul** | | | | |
| **0000** | **Mill-Gvern** | | | | |
| 0001 | Annwali | 658,610.00 | 660,000.00 | 661,000.00 | 1,979,610.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | |
| 0004 | Delegazzjonijiet Pubblici/Governattivi | | | | |
| 0015 | Hwejjeg ohra | 86,438.50 | 122,438.50 | 16,219.25 | 225,096.25 |
| | | **745,048.50** | **782,438.50** | **677,219.25** | **2,204,706.25** |
| **0020** | **Il-'Bye-laws'** | | | | |
| 0021 | Servizzi Komunitarji | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 30,000.00 |
| 0036 | Ksur tal-'bye-laws' | 70,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 90,000.00 |
| 0056 | Ghotjiet Sponsorjali | | | | |
| 0066 | Generali | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,500.00 | 9,500.00 |
| | | **83,000.00** | **23,000.00** | **23,500.00** | **129,500.00** |
| **0090** | **L-Investiment** | | | | |
| 0091 | Imghax tal-Bank | 600.00 | 500.00 | 500.00 | 1,600.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **600.00** | **500.00** | **500.00** | **1,600.00** |
| **0100** | **Generali** | | | | |
| 0110 | Donazzjonijiet | | | | |
| 0120 | Kontribuzzjonijiet | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,500.00 | 6,500.00 |
| | | **2,000.00** | **2,000.00** | **2,500.00** | **6,500.00** |
| | | **830,648.50** | **807,938.50** | **703,719.25** | **2,342,306.25** |

## Noti:

Id-dħul fis-sena 2011 mistenni jkun ta' €830.648.50. F'din is-sena, l-Kunsill ser ikun qed idaħħal madwar €86,438,50 taħt ħwejjeġ oħra li jinkludi dħul ta' €60, 000 mill-*Urban Improvement Fund* għall-proġett ta' *lift* fiċ-Ċentru Ċiviku, €4, 000 minn skemi għal attivitajiet kulturali maħruġa mill-Gvern u €22, 438 mill- *Public Private Partnership Scheme* għal xogħol ta' resurfacing ta' toroq. Fis-sena 2011 id-dħul minn Ksur ta' *Bye Laws* mistenni jkun ta' €70, 000. Dan l-ammont mistenni jonqos drastikament fis-sentejn ta' wara meta l-Infurzar Lokali ser jibda jiġi amministrat mill-Kumitat Reġjonali.

Fis-sena 2012 id-dħul taħt ħwejjeġ oħra mistenni jitla għal €122,438 u dan peress illi f'din is-sena ser ikun hemm dħul ta' €22, 438,50 taħt il-*Public Private Partnership Scheme* l-ammont ta' *€5, 000* mistenni jidħol taħt l-iskema għal-attivitajiet kulturali u €95, 000 għandhom jidħlu mill-Awtorita` tad-Djar.

Għas-sena 2013, il-Kunsill ftit li xejn qed jantiċipa dħul ieħor minbarra l-allokazzjoni annwali mill-Gvern. L-unika dħul ieħor li jista jkun hemm jista jkun taħt l- *Urban Improvement Fund.*

## 5.4 Tbassir ta' l-Infiq għal Tliet Snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | STIMA 2011 € | STIMA 2012 € | STIMA 2013 € | STIMA 2011-2013 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **L-Infiq** | | | | |
| **1000** | **Is-Salarji** | | | | |
| 1100 | L-Onorarju tas-Sindku | 24,585.75 | 20,350.00 | 20,500.00 | 65,435.75 |
| 1200 | Pagi ta' l-Impjegati | 107,000.00 | 107,000.00 | 107,000.00 | 321,000.00 |
| 1300 | Bonus | 3,075.00 | 3,075.00 | 3,075.00 | 9,225.00 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | 7,454.00 | 7,454.00 | 7,500.00 | 22,408.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijçt tas-Sigurtà Soðjali | 10,700.00 | 10,500.00 | 10,700.00 | 31,900.00 |
| 1600 | Koncessjonijiet ('Allowances') | 350.00 | 350.00 | 350.00 | 1,050.00 |
| 1700 | Sahra | 5,000.00 | 5,000.00 | 5,500.00 | 15,500.00 |
| | | **158,164.75** | **153,729.00** | **154,625.00** | **466,518.75** |
| **2000** | Manutenzjoni u Xoghlijiet ohra | | | | |
| 2100 | Konsum tal-bzonn (dawl/ilma/tel. etc.) | 15,000.00 | 16,000.00 | 17,000.00 | 48,000.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal u Fornimenti | 1,976.00 | 2,300.00 | 2,500.00 | 6,776.00 |
| 2300 | Tiswijiet u Manutenzjoni | 38,698.00 | 100,000.00 | 100,000.00 | 238,698.00 |
| 2400 | Kera | 1,000.00 | 1,000.00 | 1,000.00 | 3,000.00 |
| 2500 | Shubija f'Ghaqdiet Nazzjonali/Internazzjonali | 600.00 | 600.00 | 600.00 | 1,800.00 |
| 2600 | Spejjez ta' l-Ufficcju | 5,800.00 | 6,000.00 | 6,200.00 | 18,000.00 |
| 2700 | Trasport | 4,800.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 14,800.00 |
| 2800 | Safar u vvjaggar | 2,000.00 | 2,300.00 | 2,300.00 | 6,600.00 |
| 2900 | Taghrif lill-Publiku | 8,000.00 | 8,000.00 | 8,000.00 | 24,000.00 |
| 3000 | Spejjez ta' Kuntratti | 330,998.00 | 335,000.00 | 337,000.00 | 1,002,998.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 3,000.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 13,000.00 |
| 3200 | Tahrig | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| 3300 | Ospitalità u Servizzi lill-Komunità | 34,000.00 | 40,000.00 | 42,000.00 | 116,000.00 |
| 3400 | Spejjez ohra li jinqalghu | 150.00 | 250.00 | 250.00 | 650.00 |
| 3600 | Spejjez tal-Gwardjani Lokali | 66,000.00 | | | 66,000.00 |
| | | **514,022.00** | **523,450.00** | **528,850.00** | **1,566,322.00** |
| **7000** | **L-Infiq Kapitali** | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | 8,000.00 | | | 8,000.00 |
| 7200 | Titjib | 35,000.00 | 5,500.00 | 5,500.00 | 46,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2,500.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,500.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 185,000.00 | 185,157.00 | 22,823.00 | 392,980.00 |
| | | **230,500.00** | **192,657.00** | **30,323.00** | **453,480.00** |
| | **TOTAL** | **902,686.75** | **869,836.00** | **713,798.00** | **2,486,320.75** |

## Noti:

Il-Proġetti Speċjali li mistennija jsiru fis-snin 2011 u 2012 ser ikunu jfissru nefqa ta' madwar €185, 000 kull sena. Dan l-ammont ser ikun qed jintefaq għal resurfacing ta' toroq taħt il- *Public Private Partnership Scheme* (madwar €94, 815) u għall-manutenzjoni tal-binjiet tal-Gvern fil-Qasam tal-Gvern (madwar €95, 000).

Filwaqt li l-ispiża taħt is-Salarji kif ukoll taħt Manutenzjoni u Xogħolijiet Oħra mistennija tibqa prattikament l-istess għas-snin 2011-2013, mhux l-istess jista` jingħad għall-Infiq Kapitali li fis-sena 2013 mistenni jonqos sostanzjalment mis-sentejn preċedenti.

## 6.1 It-Tbassir dwar l-Izvilupp Kapitali għal Tliet Snin

| Nru. tal-Progett | Infieq Kapitali<br>Deskrizzjoni tal-Progett | 2011<br>KONT<br>€ | 2011<br>PROGETT<br>€ | 2012<br>KONT<br>€ | 2012<br>PROGETT<br>€ | 2013<br>KONT<br>€ | 2013<br>PROGETT<br>€ | 2011-2013<br>TOTAL TAL-KONT<br>€ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **7001** | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| **7100** | **Bini u Kostruzzjoni** | 8,000.00 | 8,000.00 | | | | | 8,000.00 |
| **7200** | **Titjib**<br>Ghamara ghall-Ufficcju<br>Sinjali tat-traffiku u<br>Ismijiet ta' Toroq<br>Titjib Urban<br>Bozzoz Godda<br>Installazzjoni ta Lift<br>Sigar | 35,000.00 | 2,000.00<br>2,500.00<br>5,000.00<br>25,000.00<br>500.00 | 5,500.00 | 2,000.00<br>500.00<br>1,000.00<br>2,000.00 | 5,500.00 | 2,000.00<br>500.00<br>1,000.00<br>2,000.00 | 46,000.00 |
| **7300** | **Makkinarju u Apparat**<br>Makkinarju<br>Computer | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,500.00 |
| **7500** | **Progetti Specjali**<br>Road Resurfacing<br>Housing Authority Blocks | 185,000.00 | 185,000.00 | 185,157.00 | 90,157.00<br>95,000.00 | 22,823.00 | 22,823.00 | 392,980.00 |
| **TOTAL Progetti Godda** | | 230,500.00 | | 192,657.00 | | 30,323.00 | | 453,480.00 |